# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 18

Il-Hamis, 21 ta' Mejju, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillieri Borg u Buontempo infurmaw li ma setghux jattendu u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 17 li saret nhar il-Hamis, 7 ta' Mejju, 2009 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Kuntratt tar-resurfacing tat-toroq***
Il-Kunsill innomina lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillier Camenzuli sabiex jiffurmaw il-kumitat ta' l-ghazla ghal dawn l-offerti.

Il-Kunsill innomina wkoll lis-Sindku u lill-Kunsillieri Azzopardi u Farrugia sabiex jiffurmaw il-kumitat ta' l-ghazla ghall-espressjoni ta' interess ghaz-zamma u attendenza tal-latrini pubblici.

***Kuncert tas-Sette Giugno***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm l-idea li l-kuncert isir fil-bitha tal-Palazz tal-President, izda dan ma setghax isir minhabba impenji ohra tal-President. Ghaldaqstant, kien hemm qbil li l-kuncert jigi pospost.

## L-ESTIMI TAD-DHUL U HRUG GHAS-SENA 2009/10

Il-Kunsill unanimament approva l-estimi tad-dhul u hrug ghas-sena finanzjarja 2009/10 kif prezentati mis-Segretarju Ezekuttiv.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ircieva talba mill-Valletta FC Nursery ghal ghajnuna lill-istess nursery. Intbghatu wkoll zewg kwotazzjonijiet, wahda sabiex tigi rrangata l-art quddiem il-bar bi stima ta' €5,786.54 u l-ohra sabiex jitnehha l-fence prezenti u jinbena hajt tal-gebel bi stima ta' €4,628.55. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li r-riforma fil-Kunsilli Lokali kienet ser taghmel possibli li l-Kunsill jahdem mill-qrib ma' ghaqdiet sportivi tal-lokal biex jipprovdu facilitajiet sportivi tajbin. Ghalhekk, il-Kunsill qabel li wara li tghaddi r-riforma u jsiru linji gwida ta' kif dan jista' jsir, il-Kunsill jaccetta li jghin lin-nursery billi jnehhi l-fence prezenti u jinbena l-hajt tal-gebel.

- Il-Kunsillieri Azzopardi u Farrugia gew inkarigati sabiex ihejju rapport dwar il-bzonnijiet li hemm fi gnien Hastings.

- Tressqet ukoll ittra mill-Kunsillier Farrugia fejn qal li bhala Kunsillier gie muri nuqqas ta' rispett mill-organizzaturi meta kien invitat ghar-rapprezentazzjoni 'Dawl il-Gnus' fil-Knisja Parrokjali ta' San Pawl. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-organizzaturi sabiex jigi verifikat dan;

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Celebrazzjonijiet mill-Valletta FC***

Il-Kunsill qabel li f'kaz li l-Valletta FC jirbhu l-kampjonat tal-football, tinfetah biss Triq ir-Repubblika sabiex ikunu jistghu isiru c-celebrazzjonijiet. Misrah San Gwann u Triq Merkanti ghandhom jibqghu maghluqin.

***European Cultural Capital***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn Malta trid tintghazel il-European Cultural Capital ghas-sena 2018. L-applikazzjoni ghall-kompetizzjoni taghlaq fis-sena 2013. Ghaldaqstant ipproppona li jitwaqqaf kumitat ghal dan il-ghan. Kien hemm qbil dwar dan.

***L-applikazzjoni ghall-fondi specjali***

Is-Sindku nforma li l-Kunsill qieghed ihejji applikazzjoni sabiex jiehu minn dawn il-fondi.

***Attivita' kulturali fil-Mellieha***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali tal-Mellieha kien qieghed ihejji attivita` kulturali fil-pjazza tal-Mellieha bil-partecipazzjoni tal-Bliet tal-Birgu, Mdina, Rabat Ghawdex u Valletta. Kull lokalita' giet mitluba ttella' wirja.

***Ko-ordinament tal-haddiema ta' l-IPSL***

Is-Sindku ppropona li l-contract manager Dominic Polidano jerga' jinghata l-inkarigu li jikkoordina x-xoghol tal-haddiema ta' l-IPSL u jinghata remunerazzjoni ta' €1140 fis-sena kif kien diga jinghata ghal dan is-servizz u biex ikun fil-parametri tal-proceduri finanzjarji. Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

***Devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgha ma' l-Enemalta dwar id-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq. Huwa qal li l-Enemalta huma lesti li jduru l-bozoz kollha u jbiddlu dawk li huma difettuzi. Barra minhekk, huma lesti wkoll li sa sena wara jirrangaw a spejjez taghhom id-difetti li jkun hemm fis-sistema. Kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu jibda l-process tad-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq f'idejh.

## AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

Kien hemm qbil unanimu li jitnaddaf id-ditch li jinsab kif tintemm Triq ir-Repubblika.

## AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORNIJIET GHALL-HLASIJIET

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet kif imnizzla fil-lista annessa.

**TMIEM**

Fis-6.45pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku